DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ...............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ...............................

*Notamenti*

## ĊAMA ĊAMA

*(f/F)*

### MARIA

**GĦEDTHA KIF GĦEDTHA.**

*(Tkebbes sigarett - imma mhux b'nervi.)* Għedtha kif għedtha. *(Sinċiera.)* Jiddispjaċini; ftit għadni nagħti kas kif se jeħduha n-nies meta ngħid xi ħaġa. M'għadx għandi paċenzja naħli enerġija ma' min jista' jitfantas u min le. *(Tieħu nifs.)*

Nifhem li inti, fil-pożizzjoni tiegħek, ma tistax tippermertih dan il-lussu. U kelli tort – m'intix Makkjaveljan int, le - jekk qatt kont. Biss, int sirt... "Il-Prudenti" issa ...biex ma ngħidx "L-Iskrupluż".

Imma int jeħtieġlek li tkun hekk. Nifhimha. Naturalment, kont nippreferi li kont tkun hekk miegħi minħabba għażla sinċiera – skużani – pjuttost milli minħabba dover ta' xogħol – Ex cathedra lajka. *(Tieħu nifs - tħares lejh ma jafx x'jaqbad iwieġeb.)* Qed ngħid ħafna ħmerijiet, veru?... – *(imma tkompli malajr, donnha ma tistax tieqaf issa li ġietha l-burdata)* Ma tantx ikolli żmien naħseb, id-dar, l-uffiċċju, fuq ix-xogħol. Lussu li ma nippermettix lili nnifsi - il-ħsieb – dan it-tip ta' ħsieb.

Wieħed ftit isib żmien janalizza 'il hinn mill-qoxra. Tiltaqa' ma' dak li jkun u jekk tafhu tisslottjah fil-kexxun żgħir u dejjaq li ilek li tajtu t-tikketta; jew, jekk għadek le, daqqa t'għajn, battuta jew tnejn, tebqa t'għajn u ssiblu t-tikketta ta' malajr malajr. Skrupluża?... Prudenti? *(Tgħolli spallejha.)* Nixtieq għadni naf xi tfisser il-kelma. *(<195)*

Xogħol għadu qed jitlesta.

PDF QR?

| | |
|---|---|
| **ĦIN** | MASSIMU ........... MINIMU ............ |
| **PROPS** | ................................................................. |
| **VIS Á VIS** | LE ☐ IVA ☐ = ................................. |
| **SILTA** | DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN. |